**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 28**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis 10 ta' Novembru 2016 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi-Ċerpersin |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur George Attard | Membru |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Peress illi ċ-Ċerpersin kien assenti, ippresieda l-laqgħa l-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea.**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B26**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru B26 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B26

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B26**

| | | |
|---|---|---|
| 2.01 | Ma kien hemm l-ebda punti maħruġa mill-minuti | Punti li joħorġu mill-Minuti B26 |
| **3.00** | **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B27** | |
| 3.01 | Il-minuti tas-seduta numru B27 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea u mis-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B27 |
| **4.00** | **Ċirkulari Numru 17/2016 – Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat minn Membri u Kunsilliera** | |
| 4.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv Ċirkulari 17/2016 li titratta n-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat minn Membri. Il-Kumitat Amministrattiv iddiskuta ċ-ċirkulari u ħa nota tagħha. | Ċirkulari Numru 17/2016 – Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat minn Membri u Kunsilliera |
| **5.00** | **Ċirkulari Numru 36/2016 – *Templates* tal-Aġenda u l-Minuti** | |
| 5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv Ċirkulari 36/2016 li titratta it-tħejjija tal-Aġenda u l-Minuti. Il-Kumitat Amministrattiv iddiskuta ċ-ċirkulari u ħa nota tagħha. | Ċirkulari Numru 36/2016 – *Templates* tal-Aġenda u l-Minuti |
| **6.00** | **Proposta minn 'Transport Malta' dwar Misraħ Patri Martin Caruana** | |
| | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1079/16**, il-Viċi Ċerpersin ippreżentat il-proposta ta' 'Transport Malta' dwar is-sinjali u mmaniġjar tat-traffiku f'Misraħ Patri Martin Caruana.<br><br>Wara diskussjoni li saret dwar din il-proposta, il-Viċi Ċerpesin is-Sur Paul Galea ippropona li ninfurmaw lill-'Transport Malta' li kien hemm qbil dwar iz-*zebra cross,* il-*cat eyes* u t-tabelli tat-triq, iżda l-Kumitat Amministrattiv ma kienx qed jaqbel ma kif sar it-tqassim tal-parkeġġ. Issekonda din il-proposta is-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel unanimament. | Proposta minn 'Transport Malta' f'Misraħ Patri Martin Caruana |
| **7.00** | **Komunikazzjoni mill-Membri** | |
| 7.01 | Is-Sur George Attard ppropona li ssir talba 'Transport Malta' sabiex Triq il-Lewż li tagħti għal Triq il-Kappella issir *One Way*, minħabba li bil-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat it-triq din qed tiġi *one lane* u żewġ karozzi ma jgħaddux. Issekonda din il-proposta il-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea. Il-Kumitat qabel unanimament. | Triq il-Lewż iisrir *One Way* |
| 7.02 | Is-Sna Marthese Cortis saħqet dwar l-bżonn li issir *resurfacing* tat-Triq ta' | Bżonn ta' *resurfacing* f'diversi |

| | | |
|---|---|---|
| | Binġemma il-parti li tagħti għal Għemmieri, min fejn jispiċċa t-tarmac tal-Imtaħleb sal-ħabs, kif ukoll it-Triq ta' Wied Rini bejn l-Imtaħleb u l-Baħrija. | toroq |
| **8.00** | **Korrispondenza** | |
| 8.01 | Il-Viċi Ċerpersin ġab għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv korrispondenza numru **50/1069/16** riċevuta minn 'Transport Malta'.<br><br>Huwa nforma l-laqgħa li din it-triq kienet ingħatt wiċċ gdid minn 'Transport Malta' u għaldaqstant kellha garanzija ta' ħames snin. Kif jgħaddi l-perjodu tal-garanzija r-responsabilità ta' din it-triq tkun tal-Kumitat Amministrattiv u l-Kunsill Lokali Ir-Rabat. | Wiċċ gdid lil Triq il-Mantel |
| **9.00** | **Materji Oħra** | |
| 9.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ġew irrapurtati diversi tabelli tal-ismijiiet tat-toroq li hemm bżonn li jinbidlu. Il-Viċi Ċerpersin u s-Sur George Attard offrew li jduru dawn it-tabelli u li sal-laqgħa tal-Kumitat li jmiss kienu ser jippreżentaw lista ta' x'hemm bżonn tabelli li jigu ordnati. | Lista ta' tabelli ġodda |
| **10.00** | **Data tas-seduta li jmiss** | |
| 10.01 | Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Gimgħa 9 ta' Diċembru 2016 fil-5.00 ta' filgħaxija. | Data tas-seduta li jmiss |
| 10.02 | Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta' filgħaxija. | |

Minuti approvati llum ........................... ........... ta'......................... 2016

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| **Paul Grech**<br>**Ċerpersin** | **Orietta Cardona**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |